Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9686 – Mitsui/ Belchim Crop Protection)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 447/09)

1. Fil-15 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mitsui & Co., Ltd ("Mitsui", il-Ġappun),

— Belchim Crop Protection NV ("Belchim", il-Belġju)

Mitsui takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet, il-kontroll ta' Belcheim kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Mitsui: Mitsui hija kumpanija kummerċjali ġenerali Ġappuniża. In-negozju tagħha jkopri diversi industriji u prodotti, b'mod partikolari prodotti agrikoli u kimiċi għall-protezzjoni tal-għelejjel. Mitsui hija attiva fil-protezzjoni tal-għelejjel fiż-ŻEE permezz tas-sussidjarji tagħha Certis, Spiess-Urania u Japan Agro Services.

— Belchim: Belchim hija attiva fl-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli għall-protezzjoni tal-għelejjel. Belchim hija attiva fiż-ŻEE taħt isimha stess u ta' dawk tas-sussidjarji tagħa Orchem, Nordisk Alkali, Protex u Proago.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9686 – Mitsui/ Belchim Crop Protection

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").